**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 5 TA' SETTEMBRU,2001**

**Numru: 29**

**Avviz Nru: 1919/00AE**

**Manwel Gauci**

**Vs**

**Anthony Bonnici u Josef Cachia f'ismihom proprju u bhala president u segretarju rispettivament tas-socjeta' muzikali Santa Katerina taz-Zurrieq.**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur li permezz taghha talab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mija u hamsa u disghajn lira Maltija rapprezentanti danni li saru fuq il-vettura ta' l-atturi permezz ta' loghob tan-nar mahruq fil-vicinanzi ta' fejn kienet tinsab ipparkjata l-vettura ta' l-attur.

Ra r-risposta tal-konvenuti fis-sens li:

1. Fl-avviz m'hemmx indikazzjoni ta' meta sehh l-incident.
2. Illi l-avviz huwa monk ghaliex kellu jindika persuna fizika sabiex jirraprezenta l-Ghaqda konvenuta.
3. Fil-meritu t-talba ta' l-attur hija nfondata ghaliex l-Ghaqda m'hijiex responsabbli ghad-danni in kwistjoni.
4. Illi l-ammont mitlub huwa esagerat u ghandu jigi ppruvat mill-attur.

Ra l-atti tal-kawza fosthom in-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-kontendenti.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-5 ta' Settembru 2001.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza titratta dwar hsara li saret fuq il-vettura ta' l-attur tal-marka Volvo bin-numru VLV 740. L-attur qieghed jallega li l-hsara saret kagun tal-loghob tan-nar li kien hemm nhar il-Hadd 3 ta' Settembru 2000 gewwa z-Zurrieq. Min-naha l-ohra l-Ghaqda konvenuta qeghda tikkontesta dan il-fatt. L-attur jikkontendi li kif spicca l-loghob tan-nar u rritorna lura hdejn il-vettura tieghu, sab karti bojod fuq is-saqaf tal-vettura tieghu, liema karti waqghu mill-murtali. Dan gie kkonfermat kemm minn mart l-attur u mix-xhud Mario Pullicino (seduta tal-1 ta' Marzu 2001). Dan ix-xhud ta' l-ahhar ikkonferma li anke fuq il-vettura tieghu kien sab minn dawn il-karti.

2. L-attur ipprezenta rapport *ex parte* li gie redatt minn William Cassar Torregiani (datat 18 ta' Settembru 2000) li jikkonferma l-hsara fuq il-vettura in kwistjoni: *"The roof and the bonnet of the car have a number of spot marks. These marks are round in shape and* ***deep up to the metal forming a sort of crater in the paintwork****. The immediate vicinity of the crater has a violet colour which indicate a sulphuric substance has made contact at a high calorie. Pyrotechnics produced this effect"*. Dan ir-rapport gie kkonfermat bil-gurament minn William Cassar Torregiani fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2001. It-Tribunal ma jaqbilx mat-tezi ta' l-Ghaqda konvenuta, fis-sens li l-provi jikkontradicu r-rapport redatt minn William Cassar Torregiani. Jirrizulta li l-pjanca tal-vettura ma gietx ippenetrata, izda gie riskontrat qsim fiz-zebgha tal-vettura. Fix-xhieda li ta William Cassar Torregiani rega' kkonferma li fis-saqaf u l-bonnet tal-vettura kien hemm *"spot marks"*. Min-naha tieghu l-PS 577 Joseph Abdilla (seduta tad-29 ta' Marzu 2001) ikkonferma li *"jiena l-vettura rajtha u rajt tikek bojod fuq l-istess spray, pero' ma kinux jippenetraw"*. It-Tribunal qieghed iqies dak li qal William Cassar Torregiani bhala ammissibbli skond il-ligi u li tikkonsisti f'opinjoni *ex parte*. Jigi ssottolinejat ukoll li l-konvenuti ma kkontestawx il-kompetenza ta' dan ix-xhud li jaghti opinjoni esperta dwar kif il-vettura spiccat bi *"spot marks"* fuq il-bonnet u s-saqaf. Huma llimitaw il-kontestazzjoni ghal finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni (ara f'dan is-sens paragrafi 13, 14 u 15 tan-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenuti).

*3.* Minn ezami tal-provi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-hsara riskontrata fuq il-vettura tal-marka Volvo bin-numru VLV 740 giet ikkagunata minhabba l-loghob tan-nar li kien hemm fil-vicinanza ta' fejn kienet ipparkjarta din il-vettura. Il-fatt li ma sar ebda rapport minn sidien ohra ta' vetturi, ma jfissirx b'daqshekk li t-tezi ta' l-attur ghandha tigi skartata. Mill-provi jidher li anke fuq il-vettura (li kienet ipparkjata vicin dik ta' l-attur) tax-xhud Mario Pullicino gew riskontrati dawn 'l hekk imsejha *spot marks*. Huwa xehed: *"il-hsara jiena*

*ndunajt biha l-ghada filghodu – hafna tikek fuq is-saqaf, fuq il-bonnet u fuq il-boot – kull fejn hu catt. Il-vettura tieghi hija Datsun".*

4. Fl-okkorrenza tal-pulizija hemm indikat li l-attur ghamel rapport mal-pulizija dwar l-incident fit-12 ta' Settembru 2000, igifieri disat ijiem wara (ara Dok. MG6). Dan ghalkemm xehed li r-rapport sar "pitghada" ta' l-akkadut. Min-naha l-ohra mill-atti processwali jirrizulta li l-attur mill-ewwel irrefera l-kaz ghand avukat. Tant hu hekk li l-ewwel ittra legali li ntbaghtet lill-konvenuti ggib id-data tal-5 ta' Settembru 2000 (Dok. MG1) u fiha kien diga' hemm riferenza li l-vettura kien raha PS 577. Kemm l-attur u martu jikkonfermaw li qabel l-incident il-vettura taghhom ma kellhiex hsara fuq is-saqaf u l-bonnet.

5. Fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2001 xehed Anthony Bonnici li huwa l-President ta' l-Ghaqda Muzikali ta' Santa Katerina taz-Zurrieq. Dan ikkonferma li l-loghob tan-nar kien kopert mill-permessi mahruga mill-Pulizija (ara wkoll xhieda moghtija minn Joseph Cachia). Ghalkemm dawn iz-zewg xhieda qalu li kien ilu sitt snin isir il-loghob tan-nar mill-istess post, ix-xhud Joseph Cachia ddikjara li: *"Rapporti f'dawn is-6 snin dwar hsara f'karrozzi, kif ghidt, ma kellniex, pero' kien hemm hsara dwar propjeta ohra"*. Din id-dikjarazzjoni tkompli tikkonferma l-ezistenza ta' periklu kull meta jinharaq il-loghob tan-nar u li liema periklu imissu jigi arginat mill-Ghaqda Muzikali. Il-fatt li qatt qabel ma kien sar rapport dwar hsara fuq vetturi, ma kienx b'daqshekk jeskludi l-ezistenza ta' tali periklu.

6. Dwar il-permess jinghad li fl-ebda stadju tal-proceduri ma gie kkontestat mill-attur l-ezistenza ta' tali permess. Madankollu, il-fatt li kien hemm permess mahrug mill-Pulizija ma jezemix lill-Ghaqda Muzikali mir-responsabbilta. F'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **Bugeja et vs Washington et** (Vol. XV.571) u **L. Sacco et nomine vs J. Bonnici** (Vol. XLVI.i.79). F'din l-ahhar sentenza il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat li t-tqeghid ta' struttura ta' l-injam fit-triq ghal celebrazzjoni ta' festa bil-permess tal-Pulizija kien, *"biss biex jawtorizza lill-atturi jarmaw il-pedestall fit-triq, peress li skond il-ligi hadd ma jista' jqieghed ingombru fit-triq pubblika minghajr dak il-permess. Dan ma jfissirx, pero' illi l-Pulizija b'dak il-permess kienet qeghda tirrendi ruhha responsabbli dwar is-solidita' tieghu jew tiggarantiha"*.

7. Dak li giet awtorizzata taghmel l-Ghaqda Muzikali kellha taghmlu b'tali mod li tevita hsara lill-propjeta ta' terzi. Issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **A. Villa v Stafford nomine** (Vol. I.126) fejn inghad: ***"che sebbene ad ognuno e' lecito fare nel proprio fondo cio' che gli aggrada, <u>deve pero' farlo in modo da evitare il danno ad altri, e nel caso non e' stato praticato alcun simile mod</u>"***. Fil-fehma tat-Tribunal, filwaqt li l-Ghaqda Muzikali kellha dritt li

taghmel din l-attivita, fl-istess hin kellha obbligu li tiehu l-prekawzjonijiet opportuni sabiex telimina kull periklu li ssehh hsara fil-propjeta ta' terzi jew lil terzi. Fosthom li tiehu passi sabiex l-area fil-vicinanzi tigi zgumbrata u taghmel avvizi li jgharrfu lil dak li jkun bil-periklu, liema prekawzjoni kienet tissugerixxi ruhha minhabba c-cirkostanzi. Minn dan kollu jidher li ma sar xejn jew ghallinqas ma tressqux provi. Taht dawn ic-cirkostanzi l-Ghaqda Muzikali ghandha tassumi responsabbilta u tirizarcixxi lid-danneggjat ghad-danni li jsofri.

8. Mill-atti processwali jirrizulta wkoll li Ghaqda Muzikali kienet koperta minn polizza ta' assigurazzjoni ghall-hsara li setghet saret fuq propjeta ta' terzi (ara Dok. JC1). Kulhadd jaf li l-loghob tan-nar huwa min-natura tieghu perikoluz u jista' jhalli konsegwenzi gravi. It-Tribunal huwa tal-fehma li kien prevedibbli ghall-Ghaqda Muzikali li ssehh hsara fil-propjeta ta' terzi, liema prevedibilita hija ta' probabilatjiet ragonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili. F'kaz famuz (**Bolton v. Stone**) fl-Ingilterra, *"the defendant cricket club was exonerated from liability when a cricket ball was hit out of the ground on to the highway, where it injured the plaintiff. The possibility of such an event occurring was clearly foreseeable, because ballas had escaped from the ground before. But the fact that they had done so only on some six occasions over a period of 30 years meant that the risk, in the circumstances, was one which the reasonable man could legitimately choose not to guard against"* (R.A. Buckley, *The Modern Law of Negligence*, Tieni Edizzjoni, 1993 – pagna 33). Madankollu l-awtur jaghmel distinzjoni bejn attivitajiet differenti u jkompli jghid, *"If the harm, should it take place, would be particularly serious it may be necessary to take precautions to prevent it* ***<u>even if the possibility of its occurring is very low......... The precautions needed when, say, handling explosives</u>*** *are of a different order of magnitude from those required when playing cricket"*. Fil-kawza fl-ismijiet **Annunziato D'Amato et vs Joseph Camilleri et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Marzu 1958 (Vol. XLII.i.74) gie ssottolinejat: ***"Meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, <u>ir-responsabbilta ta' min ghamel dak l-att hija assoluta</u>; u min irid jehles minn din ir-responsabbilta hu tenut jipprova jew il-fatt tat-terz jew il-vis major"***. Fil-kaz odjern ma tressqu l-ebda provi f'dan is-sens.

9. Wiehed jista' jithajjar jargumenta li kien hemm negligenza kontributorja min-naha ta' l-attur peress li jekk dak li gara kien prevedibbli ghall-Ghaqda Muzikali, kien ukoll prevedibbli ghall-attur u ghalhekk ma messux ipparkja l-vettura f'dak il-post. Irrizulta li l-vettura thalliet fi triq pubblika. Kif tajjeb inghad fis-sentenza riportata fil-Volum XLII.i.82 ***"in-negligenza kontributorja hi n-nuqqas ta' min ma jiehux hsieb ragjonevoli ghas-sikurezza tal-persuna tieghu jew tal-propjeta tieghu"***. F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell kompliet tghid: *"f' din il-materja hu principju li bniedem hu gustifikat*

*jahseb li l-iehor sejjer jadopera d-diligenza u l-prekawzjonijiet mehtiega biex jigi evitat dannu.....* ***Id-dover li jiehu hsieb kien ta' min qieghed jaghmel ix-xoghol****, u l-fatt li hu ma jaghti ebda twissija ta' perikolu ghandu jikkonferma lil min pogga l-luzzu tieghu hemm li dawk li kienu qeghdin jaghmlu x-xoghol kienxu qeghdin jiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega, galadarba ma avvertewhx".* It-Tribunal jaqbel ma' dan l-argument u ghalhekk iqies li l-attur ma jistax jinzamm responsabbli.

10. Illi dwar id-danni reklamati, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-somma ta' mija u hamsa u disghajn lira Maltija (Lm195) hija wahda ekwa u gusta mehud in konsiderazzjoni x-xoghol li jrid isir fuq il-vettura ta' l-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jiddecidi l-kawza billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-Ghaqda konvenuta u jiddikjara lis-Socjeta Muzikali ta' Santa Katerina hija responsabbli ghall-hsara li saret fuq il-vettura tal-marka Volvo bin-numru VLV 740, jikkundannha thallas lill-attur is-somma ta' Lm195 bhala danni sofferti minnu. Fl-istess waqt it-Tribunal qieghed jillibera lill-konvenuti Anthony Bonnici u Joseph Cachia in kwantu dawn gew imharrka fil-vesti personali taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-Ghaqda konvenuta (eskluzi d-dritt ta' l-avukat u/jew tal-prokuratur legali u dan ghat-tenur ta' l-Artikolu 10(2) tal-Kap. 380).

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**